KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa B'Urġenza tal-kunsill Nru. 29.2016**

Data: Erbgħa 7 ta' Settembru 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef Costa** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Michael Mifsud** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Assenti**

| | |
|---|---|
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |
| **Is- Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Oġġezzjoni - PA 5190/16 - Oġġezzjoni għal żvilupp tal-gabbana ġewwa Pjazza Rotunda
2. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet fid-19.40 ta' filgħaxija.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

**1. Oġġezzjoni - PA 5190/16 - Oġġezzjoni għal żvilupp tal-gabbana ġewwa Pjazza Rotunda**

Is-Sindku spjega d-diżapprovazzjoni tal-permess PA 5190/16 dan minħabba li saru lmenti mir-residenti u għaqdiet Mostin.

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill talab lill Perit tal-Kunsill sabiex isir oġġezzjoni Anness 1.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal biex jiżdied il-kliem li dan mhux mobile kiosk imma fixed kiosk.

f. Il-Kunsill qed jinnota li filwaqt li l-applikazzjoni qed tintuża l-kelma mobile kiosk fir-realta l-applikazzjoni titlob għal kiosk li ser isir permamenti.

Il-Kunsill qabel li Issir ittra li għaddiet flimkien ma din sabiex ikunu infurmati bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo ressaq ukoll emenda li l-Kunsilliera aċċettaw li jkunu parti mill-objection li ser tintbagħat lil Planning Authority.

Il-membri tal Kunsill qablu unanimament.

**2.0 Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **il-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016.**

Laqgħa spiċċat 20:30 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data: 28/09/2016

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

L-Erbgħa 7 ta' Settembru, 2016

Sur Chairman,

Ninsab inkarigat niktiblek bħala Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mosta u l-komunita' tal-Mosta. Irrid nuri id-diżapprovazzjoni unanima tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u għalhekk qegħdin formalment noġġezzjonaw għall-applikazzjoni tal-permess PA 5190/16 - ***To place dismountable /mobile kiosk and fixing of signage*** għar-raġunijiet li ġejjin:

a. L-art u l-ispazju li fuqha qed issir l-applikazzjoni għall-*kiosk*, hija art pubblika u għalhekk għandha tibqa' titgawda mill-pubbliku mingħajr ma jsir l-ebda tip ta' żvilupp;

b. Dan l-ispazju pubbliku huwa riservat sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mosta kif ukoll l-għaqdiet tal-volontarjat Mostin u oħrajn jibqgħu jorganizzaw attivitajiet pubbliċi;

c. Bla dubju ta' xejn, dan il-*kiosk* fil-Pjazza tal-Mosta, ser jkun qed jkerrah l-inħawi u l-biswit tal-monument dinji tar-Rotunda. Nemmnu li l-pjazza tal-Mosta diga' hija miżgħuda bi strutturi u elementi oħrajn li għandhom impatt fuq il-viżwal. Dan ġie ikkonfermat ukoll mis-Sovraintendenza għall-Wirt Kulturali li qed joggezzjona bis-sħiħ għal din l-applikazzjoni.

d. Nemmnu wkoll li dan l-iżvilupp li ser ukoll joħloq inkonvenjent liż-żewġ għaqdiet piroteknici waqt il-ħruq tan-nar tal-art fil-granet tal-festa;

e. Kontra ukoll ta' dan l-iżvilupp u/jew twaqqif tal-*kiosk* għaliex f'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat, il-Kunsill Lokali tal-Mosta qiegħed jaħdem flimkien ma' *Projects Malta* fuq proġett tal-*underground parking* fl-istess spazju u kemm il-darba jinħareġ il-permess għal dan l-iżvilupp u/jew twaqqif tal-*kiosk*, il-proġett tal-*underground parking* jkun preġudikat;

f. Il-Kunsilliera kollha tkellmu mal-membri tal-komunita' Mostija, fejn ilkoll kemm huma semgħu diversi oġġezzjonijiet varji kontra din l-applikazzjoni. Il-Kunsill stqarr li ma sema' l-ebda kumment favur dan l-iżvilupp.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

g. Il-Kunsill jinnota ukoll li minkejja li fl-applikazzjoni tal-permess PA 5190/16 jidher miktub il-kliem "***To place dismountable /mobile kiosk and fixing of signage"***, il-kliem **mobile kiosk** huma biss kliem li qegħdin imorru il-bogħod mir-realta, għaliex il-Kunsill huwa konxju li ladarba joħroġ il-permess din l-hekk imsejħa mobile kiosk tispicca kiosk permanenti.

Il-fehma flimkien mal-impenn tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, hu li jara li din l-art, dan l-ispazju, fil-Pjazza tal-Mosta għandu jibqa' jkun meqjus bħala spazju pubbliku u li fih ma jsir l-ebda tip ta' żvilupp ta' bini u/jew twaqqif ta' strutturi temporanji jew permanenti mill-livell tal-art l-fuq.

Jiena Edwin Vassallo (ID 450761m) – Sindku tal-Mosta, qed nressaq dawn l-oġġezzjonijiet għal dan l-iżvilupp u/jew twaqqif tal-imsemmija *kiosk*, hekk kif propost fl-applikazzjoni PA 5190/16 f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mosta bl-approvazzjoni unanima tal-kunsilliera fil-laqgħa b'urġenza li saret illum 7 ta' Settembru 2016.

Inselli għalikom



Edwin Vassallo
Sindku